Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 241/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur S. Micallef)**

**Vs**
**Vincent Azzopardi**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Mejju, 2005 ghall-habta tal-11.30 p.m. fi Triq Santu Wistin, San Giljan, saq vettura nru. AAD-463 tal-ghamla "Rover" :**

1) **kontra s-sinjal tat-traffiku ndikat f'dik il-lokalita' ;**
2) **saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;**
3) **b'manjiera traskurata;**
4) **u b'giri aktar milli jmissu;**

**5) saq l-imsemmija vettura nru. AAD-463 minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita''dwar it-Trasport ta''Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda) ;**
**6) saq l-imsemmija vettura AAD-463 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni;**
**7) naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom;**
**8) fl-imsemmija data, hin, lok u cirkostanzi, saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-imsemmija vettura nru. AAD-463 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;**
**9) u aktar talli gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija irrifjuta jew naqas milli jaghti kampjun tan-nifs skond il-ligi.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2)(3), 15A, 15E tal-Kapitolu 65, Att nru. V1/1998 Reg. 127 LN. 128/94, l-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 LN 94/69, ma sabitx lill-imputat hati tas-seba' w id-disa' akkuzi u ghaldaqstant illiberatu minnhom filwaqt li sabitu hati tal-kumplament tal-akkuzi kif dedotti w ikkundannatu ghall-multa ta' elf, mitejn u hamsin lira Maltin (LM1,250).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta' Lulju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn in forza tal-istess sentenza l-esponent instab hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', tal-hames u tat-tmin akkuzi relativa kif ukoll fejn permezz tal-istess huwa gie lliberat mis-seba' w mid-disa' akkuzi w tirrevokaha fejn permezz tas-sentenza riferita l-esponent instab hati tas-sitt akkuza in kwistjoni w b'hekk tilliberah minn kull htija w mill-piena konsegwenzjali nflitta fuqu f'dan ir-rigward.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti filli l-appellant kien fil-pussess tal-vettura citata bi prova u ghal dan il-

ghan hu kienm kopert b' polza ta' assigurazzjoni xierqa li kienet tippropvdi assigurazzjoni proprju waqt li hu kien qed isuq din il-vettura bi prova  u din il-polza fil-fatt tinsab esebita in atti. Ghalhekk hu messu gie liberat mis-sitt imputazzjoni.

**Semghet ix-xhieda mill-gdid fil-kors tal-udjenza tat-13 t' Ottubru, 2005;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.**

**Rat il-verbal tal-istess udjenza li bih Dottor Stephen Tonna Lowell ghall-Prosekuzzjoniu aderixxa ghat-talba kif kontenuta fl-appell w ssottometta li l-aggravju tal-appellant kien gustifikat.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi** Brian Farrugia**, rapprezentant tal-Ufficcju tal-Licenzji, qal li ghalkemm il-licenzja tal-vettura AAD 463 Rover 216 Convertible li tghajjat lil John Cutajar ta' Regent Auto Dealer kienet ghalqet f' Jannar 2005, id-dealers ikollhom dritt li johorgu vetturi ghal t*rial runs* u hu possibbli li kien hemm insurance vigenti f' dan il-kaz anki fejn il-licenzja tkun ma gietx rinovata.**

**Illi mid-dokumenti esebiti fil-process jirrizulta li fil-fatt kien hemm polza ta' assikurazzjoni tal-Middlesea Insurance Plc. li tkopri vetturi li jkunu proprjeta' tal-appellant Vince Azzopardi ta' Vince Auto Dealer jew fil-kustodja tieghu ghall-periodu kollu bejn l-1 ta' Jannar, 2005 u l-31 ta' Dicembru, 2005 u dan ghall-fini ta' *trial runs* fil-kors tan-negozju tal-istess *dealer* , kif imsemmi fl-istess polza (Fol. 3). Din il-polza kellha l-premium imhallas fil-21 ta' Dicembru, 2004 (Fol. 4). Ghalhekk fid-data tal-incident imsemmi fic-citazzjoni jidher li *"prima facie"* kien hemm polza vigenti.**

**Illi ma ngabet ebda prova mill-Prosekuzzjoni li din il-kopertura li tidher li tezisti *"prima facie"* giet b' xi mod disdetta mill-kumpanija tal-assikurazzjoni koncernata,**

**ghax tkun inkisret xi wahda mill-kondizzjonijiet tal-polza notevolment dawk elenkati a fol.5 tal-process, f' li liema kaz allura kien jirrizulta bla ebda dubju dettat mir-raguni li tali koperatura ma kienetx tezisti.**

F' dan l-istat tal-provi ghalhekk, kif lejalment accetta sahansitra l-istess abbli prosekutur, l-appellant ma setax jinstab hati ukoll tas-sitt imputazzjoni w ghalhekk l-aggravju tieghu qed jigi akkolt.

Illi dan necessarjament jimporta riduzzjoni fil-piena .

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba', l-hames u t-tmin akkuzi w in kwantu ma sabitux hati tas-seba' u d-disa' akkuzi u tirrevokaha in kwantu sabitu hati ukoll tas-sitt imputazzjoni w kkundannatu ghall-multa ta' elf mitejn u hamsin lira Maltin (LM1250) u minnflok issibu mhux hati tas-sitt imputazzjoni u tilliberah minnha w, wara li qieset li l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet huma assorbiti, ghal dak li jirrigwarda l-piena, fit-tieni imputazzjoni ta' sewqan perikoluz a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kap. 9, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (f), tikkundanna lill-appellant ghall-multa komplessiva ta' tlitt mitt lira Maltin (LM300).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------